**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 16/16(29_03_16).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2016, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sinjorina Maria Masini - Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ kienet skużata.

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku informa lis-Segretarju Eżekuttiv li kien ser jasal tard minħabba li ried jattendi għal funeral.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fil-21 ta' Marzu 2016.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
4. Ilmenti.
5. Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015.
6. Estimi Finanzjarji 2016.
7. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
8. Rapport tas-Sindku.
9. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
10. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
11. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti ttieħdu bħala moqrija. Is-Sur Paul Curmi u s-Sur Damien Spiteri talbu li fil-Minuti *item* 4.01 jiġi kkoreġut u minflok il-kelma aġġornata tiġi li l-laqgħa spiċċat b'xoljiment. Ma kienx hemm qbil u l-Minuti ġew iffirmati kif kienu.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 6/2016 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali li hija rigward 'Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 7/2016 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Rapporti Pubbliċi fuq www.lc.gov.mt'.

2.03 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed jitwassal komunikat mingħand il-Ministeru għall-Affarijiet Barranin rigward 'Terms of reference and call for expression of interest for Cultural Tours for Diplomats 2016'.

2.04 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-Action For Breast Cancer Foundation rigward 'Pesticide Action Week', bejn l-20 u t-30 ta' Marzu 2016.

2.05 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali, Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika, Ministeru għall-Enerġija u s-Saħħa, 'Circular issued from the Environmental Health Directorate regarding the control of the Zika Virus' u 'A guide for the maintenance of Fountain Water'.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MIEMA rigward l-'EMPOWER Project'.

2.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal korrispondenza mingħand il-Fondazzjoni Temi Zammit rigward il-proġett bit-tema 'Future of Our Past (FOP)'.

2.08 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward 'Notification of Receipt of Fresh Plans – PA/03223/14'.

2.09 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward 'Meeting mar-Rappreżentanti tal-Kumpanija Rodeco', fis-17 ta' Marzu 2016, fil-Kunsill Lokali Għajnsielem.

2.10 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Regional Coordinator – Gozo tal-Valletta 2018 rigward 'Pageant of the Seas – Tellieqa Ġennata', u l-*meeting* dwar l-attività Tellieqa Ġennata, fis-17 ta' Marzu 2016, fl-Uffiċċju tar-Reġjun Għawdex, Victoria.

2.11 Il-Kunsill irċieva e-*mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward 'Case No. 135/16: Meeting re Consignment of Procedures permit for WEEE & Bulky Refuse', fl-14 ta' Marzu 2016, fil-Ministeru għal Għawdex, għall-Kunsilli Lokali Għawdxin.

2.12 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qiegħed jinforma illi ma għandux jinfetaħ l-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill f'Sibt il-Għid'.

2.13 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Cirk 17/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward 'Servizzi tal-Għaqdiet Mużikali tal-Lokal', u korrispondenza relatata.

2.14 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Gozo Project Consultant fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward 'Laqgħat Burokrazija – Munxar'.

2.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand The President Foundation for the Wellbeing of Society, fl-Uffiċċju tal-President fejn qed jistieden *Cross-Cultural Couples* speċifikament Maltin li l-*partners* tagħhom huma ta' oriġini *Eastern European* għal-laqgħa fil-21 ta' Marzu 2016, fl-uffiċini tagħhom fil-Palazz ta' San Anton.

2.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA rigward konferenza fid-29 ta' Marzu 2016 fi New Dolmen Hotel, il-Qawra dwar it-tibdil li għandu jseħħ b'riżultat tat-twaqqif tal-*Planning Authority* il-ġdida li ser tidħol fis-seħħ.

2.17 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed titwassal *e-mail* mingħand il-MITA rigward 'EID downtime notification – Friday, 18 March to Sunday, 20 March 2016'.

2.18 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward *Information Session* dwar is-Second Call for Project Proposals under the Interreg Europe Programme organizzata mill-Funds and Programmes Division (FPD), fl-4 ta' April 2016, fil-Ministeru għal Għawdex.

2.19 Il-Kunsill irċieva Ċirkulari AKL Cirk 19/2016 mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward il-Laqgħa għas-Sindki, fis-6 u 7 ta' Mejju 2016, fil-Lukanda Calypso, Marsalforn.

2.20 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Front Favur Il-Mina għall-Konferenza Nazzjonali bit-tema 'Insaħħu l-Aċċessibiltà', fis-16 ta' April 2016, fil-Grand Hotel, l-Imġarr, Għawdex.

2.21 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Case No. 175/16 bid-dettalji dwar l-*event* 'Light Up The Night', tat-12 ta' Mejju 2016, b'sapport lejn min ibagħti bil-Myalgic Encephalomyelitis (ME), Chronic Fatigue Syndrome (CFS) u Fibromyalgia (FM).

2.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand l-URBACT rigward *call* ġdida għal Implementation Networks, *launched* fit-22 ta' Marzu 2016 għal tliet xhur u *information event*, fit-23 ta' Marzu 2016, fi Brussels.

2.23 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Wasteserv fejn qed jinforma lill-Kunsill illi peress li l-Kunsill kien ipparteċipa fil-European Week for Waste Reduction f'Novembru 2015, il-Kunsill huwa mistieden għall-*award ceremony* tal-Malta Waste Reduction Awards 2015, fis-17 ta' Marzu 2016, fil-Mediterranean Conference Centre, Valletta.

2.24 Il-Kunsill irċieva mingħand il-Gozo Joint Committee l-Annual Report for the period ended 23rd December 2015.

**3.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

3.01 Is-Sindku talbet li dan l-*item* isir aktar tard fil-laqgħa.

**4.00 Ilmenti.**

4.01 Il-Kunsill wasallu rapport mingħand persuna mix-Xlendi fejn irrappurtat li qed isir xogħol bil-gaffa f'għalqa fi Triq ix-Xatba, Il-Munxar. Ġie deċiż li l-Kunsill jgħaddi dan l-ilment lill-MEPA.

4.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex rigward il-'Valletta Pageant of the Seas 2016', li ser tiġi organizzata mill-Valletta 2018 fis-7 ta' Ġunju 2016, bl-isem ta' Tellieqa Ġennata. Qed isir invit għal parteċipanti u ser issir laqgħa fil-bidu t'April 2016.

4.03 Il-Kunsill intalab iwieġeb għal Mistoqsija Parlamentari li saret lill-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali rigward it-tiswijiet li hemm bżonn li jsiru fit-Torri tax-Xlendi.

4.04 Il-Kunsill irċieva *write-up* li ġiet ippubblikata fil-gozonews.com mingħand il-Gozo Grey Hounds Sports Club fejn qed ifaħħru l-azzjoni li ħa l-Kunsill billi ġabru mill-ewwel il-boroż taż-żibel li kienu nġabru f'waħda mill-attivitajiet tagħhom.

4.05 Il-Kunsill iffirma ma' Active Media Outdoor Advertising Ltd f'isem il-bank HSBC Bank Malta plc sabiex isiru żewġ 'Merħba' *signs*, waħda fil-Munxar u l-oħra fix-Xlendi.

4.06 Il-Kunsill ippubblika *flyer* rigward il-Laqgħa Pubblika Annwali. Fuq in-naħa ta' wara tal-*flyer* ingħata tagħrif dwar il-Gozo Civic Amenity Site li hemm f'Tal-Kus, Ix-Xewkija.

4.07 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-grupp 'Make Malta Dog Friendly'. Huma qed jikkuntatjaw lill-Kunsilli kollha sabiex jippromovu *dog parks* f'kull lokalità biex b'hekk jitnaqqas il-ħmieġ tal-klieb mit-toroq.

4.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali rigward il-permess ta' mwejjed li ngħata b'*encroachment* biex jitpoġġew quddiem Paradise Bar fix-Xlendi.

4.09 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Transport Malta f'Għawdex rigward spostament ta' Reserved Bay Loading/Unloading. Il-Kunsill bħall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi, jaqblu iżda l-ħin irid ikun bejn it-8 ta' filgħodu u l-10 ta' filgħodu.

4.10 Il-Kumitat irċieva *e-mail* mingħand Transport Malta f'Għawdex rigward talba mingħand il-Gozo Taxi Association sabiex tmexxi t-*Taxi Stand* għal Triq ir-Rabat. Il-Kunsill bħall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi ma jaqbilx ma' din il-proposta.

4.11 Il-Kunsill irċieva invit għal *seminar* organizzat mill-MEUSAC li sar fid-9 ta' Marzu 2016, dwar informazzjoni ta' programmi ta' fondi mill-EU.

4.12 Il-Kunsill intalab iwieġeb rigward Mistoqsija Parlamentari rigward *railing* li tkisser b'inċident f'Awwissu 2015. Il-Kunsill kien qed fi proċess li jirċievi l-flus minn *claim* tal-*insurance* sabiex dan ir-*railing* jiġi ordnat.

4.13 Il-Kunsill irċieva *Statement of Funds* mingħand il-MEPA dwar il-fondi UIF. Xħin jitnaqqsu l-*commitments* ta' proġetti jibqa' bilanċ ta' €25,566 għax-Xlendi u għal Il-Munxar hemm bilanċ ta' €21,685.53.

4.14 Is-Segretarju Eżekuttiv qara diversi *e-mails* li rċieva u bagħat lil Dimech Enterprises Ltd rigward il-*Performance Guarantee* ta' €3,000 għal kuntratt ta' €33,000. Peress li x-xogħol għadu ma huwiex lest, il-Kunsill qed jirrifjuta li jagħti lura l-garanzija.

4.15 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-proċess ta' rranġar ta' bozoz maħruqin. Peress li l-bozoz ġew delegati lir-Reġjun Għawdex, allura kull min jiġi jirrapporta dwar bozoz, il-Kunsill irid jirreferi l-ilment lir-Reġjun imsemmi u mhux lill-Enemalta Corporation.

4.16 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-MEPA dwar l-applikazzjoni tal-UIF tal-proġett 'Upgrading and rehabilitation of a path at Ix-Xlendi Bay', fejn qed jitolbu aktar informazzjoni mingħand il-perit.

4.17 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Munxar Falcons FC fejn talbu informazzjoni dwar fiex waslu l-preparamenti biex kamra fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina tingħata lill-*Club*. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li f'Marzu 2015 il-perit ingħata inkarigu sabiex japplika mal-MEPA. Minn dakinhar il-perit qatt ma kkuntatja lill-Kunsill u bħalissa żgur ma huwiex iż-żmien li s-Segretarju Eżekuttiv jaħdem fuq din il-materja peress li dan huwa t-tielet xahar li għadu jmexxi lill-Kunsill waħdu biss.

4.18 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' post fi Triq San Pawl fejn qed jitlob sabiex il-Kunsill jipprovdi l-kurduna u hu jagħmel il-bankina. Kien hemm qbil dwar dan.

4.19 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-Gozo Horse Racing Association fejn qed jitolbu s-somma ta' €350 għal kampjonat kompost minn *heats* u finali. Dan qed jintalab peress li fil-lokalità hawn delettanti tat-tiġrijiet taż-żwiemel. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li din l-għotja ma tistax issir għax titqies bħala donazzjoni.

4.20 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand ir-Reġjun Għawdex, kopja ta' *e-mail* li rċieva mingħand residenta fi Triq il-Munxar rigward il-bozza tat-triq. Dan l-ilment qed jaħdem fuqu l-Inġinier Curmi.

4.21 Il-Kunsill irċieva talba mingħand resident ta' Triq Dun Spir Gauci fejn qed jitlob sabiex il-livell tat-triq ta' quddiem ir-rampa tiegħu jogħla bi ftit peress li l-karozza qed tħokk mar-rampa. Il-Kunsill qabel li jmur il-perit u jara din il-problema.

4.22 Il-Kunsill irċieva *e-mail* sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Triq il-Munxar hemm bank tal-injam li qiegħed jingombra l-bankina u biex wieħed jgħaddi jrid jinżel il-bankina u kulħadd jaf li dik il-parti tat-triq hija ppjuttost dejqa. Għalkemm dan il-bank sar mill-Kunsill, il-liġi ma tistax tinkiser u l-bankina ma tistax tiġi mblokkata b'dan il-bank.
Din il-persuna qed titlob sabiex dan il-bank jitneħħa u jiġi evitat periklu lill-pubbliku. Ġie deċiż li l-Kunsill jikteb lil Transport Malta dwar is-sitwazzjoni ta' dan il-bank.

4.23 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Green MT fejn wieġbu lill-Kunsill li ma jaqblux li jitneħħa l-*Bring-in-Site* tad-daħla tal-Munxar u ssir *collection* ta' skart separat nhar ta' Ħamis u bħal dik li ssir nhar ta' Tlieta. Ġie deċiż li l-Kunsill ineħħi l-*Bring-in-Site* tad-daħla tal-Munxar u minflok isir *embellishment* tal-post. Ir-residenti tal-lokalità għandhom jiġu infurmati b'dan.

4.24 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward ir-Rapport Annwali tal-Awditur Ġenerali dwar l-operat tal-Gvern Lokali għas-sena 2014. Il-Kunsill qed ikun mitlub jeżamina r-rapport maħruġ mill-Awditur Ġenerali għas-sena 2014, jiġu identifikati n-nuqqasijiet irrapportati li jikkonċernaw il-Kunsill tal-Munxar u tintela' formola annessa mal-*e-mail* fejn jiġi spjegat x'passi konkreti qed jittieħdu biex jiġu kkoreġuti dawn in-nuqqasijiet.

4.25 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-Kuntrattur Sammy Spiteri rigward *invoice* numru 12 rigward xogħol ta' asfaltar li sar fil-Pjazza tal-Knisja. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-perit ma ċċertifikax ix-xogħol li sar u l-kont ma jistax jitħallas. Ġie deċiż li l-Kuntrattur jerġa' jagħmel ix-xogħol mill-ġdid, iżda qabel irid jibgħat stima fejn jindika l-prezz.

4.26 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand sajjied fix-Xlendi fejn qed jitlob *floodlight* żgħira mal-fanal li hemm fuq il-moll biex idawwal l-i*slipway*. Is-Sindku ser tkellem lill-Inġinier dwar din it-talba.

4.27 Il-Kunsill irċieva kopja ta' avviż ta' Infurzar li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent ħarġet fuq sit fi Triq Ras il-Bajjada, Il-Munxar fejn intefa' materjal ta' kostruzzjoni fi proprjetà skedata.

4.28 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-*Manager* tal-istabbiliment London Lounge Steakhouse fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi sabiex jagħmel tinda u jpoġġi mwejjed fuq il-bankina. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li l-*area* fejn se titpoġġa t-tinda tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant; għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi u l-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollox tinda fuqu.

4.29 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-*Manager* tal-istabbiliment I Love London Cafè fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi sabiex jagħmel tinda u jpoġġi mwejjed fuq il-bankina. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni, bil-kundizzjoni li l-*area* fejn se titpoġġa t-tinda tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant; għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi u l-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollox tinda fuqu.

4.30 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand is-Sur Paul Curmi fejn qed jissuġġerixxi li jsiru *cat's eyes* fis-Sanap. Kien hemm qbil dwar dan.

4.31 Il-Kunsill irċieva lment mingħand persuna li tvara d-dgħajsa tagħha mix-Xlendi. Din qed tilmenta li d-dgħajsa ma tkunx tista' tvara għax hemm ħafna dgħajjes u affarijiet li qed ikunu ta' ostakolu. Il-pubbliku ma għandux aċċess għat-taraġ tal-Għar ta' Karolina u fl-iskall hemm ħafna ħmieġ. Is-Sindku qiegħda f'kuntatt mal-Pulizija u l-Fisheries Department rigward dawn il-problemi.

4.32 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand żewġ persuni li qed jagħmlu riċerka dwar djaletti Għawdxin u qed jistaqsu jekk fil-lokal hemmx xi persuni li jitkellmu bid-djalett tal-Munxar.

4.33 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li toqgħod fi Triq il-Munxar fejn qed tilmenta li l-bini ġdid li sar maġenb Ġnien Ragalna ma sarx skont il-permess. Il-Kunsill kien diġà informa lil din il-persuna sabiex tkellem lill-MEPA, għaliex huma jagħmlu l-*monitoring* meħtieġ.

4.34 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand persuna li toqgħod Ix-Xlendi fejn qed tilmenta li r-rotta 306 li tinżel Ix-Xlendi mir-Rabat u tgħaddi mill-Munxar qed titlaq fl-istess ħin ta' rotta 330 li titlaq mir-Rabat u tgħaddi mill-Fontana. Qed titlob li dawn ir-rotot ma jitilqux fl-istess ħin u r-rotta 306 terġa' ssir kull tliet kwarti u mhux kull siegħa. Il-Kunsill kien ser ikellem lil Transport Malta.

**3.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

3.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 16/16(29_03_16). Is-Sur Paul Curmi u s-Sur Damien Spiteri oġġezzjonaw għall-*item* 3.

**5.00 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* 2015.**

5.01 Bħalma jsir kull sena, f'dan iż-żmien iridu jsiru l-*Financial Statements* għas-sena li tkun għadha kemm għalqet u jiġu ppreparati skont l-International Financial Reporting Standards. Kopja tal-*Financial Statements* intbagħtu lill-Awdituri sabiex jinbeda l-proċess tal-verifika. Qed ikun ikkalkulat li s-*surplus* għas-sena 2015 ser ikun €11,620 iżda kollox ikun ċert wara li jsir l-Awditjar. Il-Kunsill qabel mal-Financial Statements 2015.

**6.00 Estimi Finanzjarji 2016.**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta abbozz tal-Estimi Annwali 2016. L-Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena li tagħlaq fil-31 ta' Diċembru 2016 għall-Kunsill Lokali Il-Munxar se tkun ta' €223,061 u minn din is-somma hemm €94,078 li hija allokazzjoni għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Ma' din l-allokazzjoni huwa kkalkulat li d-dħul minn permessi u *photocopies* ikun ta' €3,000 li minnhom hemm €1,500 mix-Xlendi. Dħul mix-Xlendi ser ikun hemm €2,750 mill-kera tal-*kiosk*. Emolumenti Personali għas-sena sħiħa ser ikunu €81,040 li minnhom hemm €34,847 għall-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi. Qed isir estimu ta' €146,588 għal spejjeż ta' kuntratti u manutenzjoni fejn €62,972 ser jintefqu direttament fil-Bajja tax-Xlendi. Infiq Kapitali ser ikun hemm €500 apparat għall-Kunsill u €500 apparat għall-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.

**7.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.**

7.01 Bħalissa ma humiex isiru xogħlijiet peress li minn April ser jinbeda l-manutenzjoni fil-Bajja tax-Xlendi u fil-Munxar qabel tasal il-Festa.

## 8.00 Rapport tas-Sindku.

8.01 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li sid il-propjeta` bena l-ħajt tal-qasma ta' bejn il-*Parking* tax-Xlendi u l-wied. Dan il-ħajt kien tkaxkar bil-maltemp xi snin ilu.

8.02 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu mal-Inġinier tal-Water Services Corporation u ż-żewġ kuntratturi li ser jaħdmu fuq il-bdil ta' *main* tal-ilma fi Triq Ras il-Bajjada. It-triq ser tingħalaq mill-4 t'April 2016 għal ħames ġimgħat. Ġie miftiehem fejn ser jitwaħħlu tabelli ta' *diversion*. Sar suġġeriment li r-residenti ta' Triq il-Munxar jiġu nfurmatli li f' dan iż-żmien ma huwiex ser ikun permess li tingħalaq it-triq.

8.03 Is-Sindku rċeviet ilment li fi Triq Żgħawri qed jimxu xi inġenji bil-katina tal-ħadid u qed issir ħsara lill-wiċċ it-triq. Is-Sindku kellmet lill-persuni kkonċernati.

8.04 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li mis-7 ta' Marzu 2016 beda ħaddiem *full-time* mill-Iskema Xogħol fil-Komunità. Huwa ntbagħat jiknes fix-Xlendi u qed jaħdem mit-Tnejn sas-Sibt.

8.05 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv attendew għal-laqgħa ta' informazzjoni li kienet intiża għal dawk il-Kunsilli li huma interessati japplikaw għal Fondi ERDF dwar Low-Carbon Economy & The Environment. Din il-laqgħa ġiet indirizzata mill-Onor. Dr Stefan Buontempo, Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali u mis-Sur Jimmy Magro fejn elenka ideat ta' proġetti u informazzjoni dwar l-applikazzjoni.

## 9.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.

9.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta stima sabiex jinxtraw żewġ *money detectors* sabiex jiġu ċċekkjati l-flus jekk ikunux foloz jew le. Kull magna ser tiswa €123 bil-VAT u *delivery* inkluż. Kien hemm qbil dwar dan.

## 10.00 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

10.01 Is-Sur Paul Curmi reġa' fakkar dwar dawk il-ħitan imwaqqgħin fi Triq Ras il-Bajjada. Huwa ssuġġerixxa li dawn jitranġaw meta jkun qed isir ix-xogħol ta' bdil tal-*main* tal-ilma hekk kif it-triq tkun magħluqa. Is-Sindku infurmatu li tiġi xi ftit diffiċli għaliex diġà ġiet elenkata problema peress li l-*main* preżenti qed iserrep matul it-triq u l-kuntrattur irid ipoġġi l-ġdid maġenbu għax jekk jintlaqgħat il-*main*, Ix-Xlendi jispiċċa bla ilma.
Is-Sur Curmi ġibed l-attenzjoni dwar mera miksura fi Triq Dun Spir Gauci, *wires* imdeldlin fi Triq il-Munxar, issir *stop sign* fi Triq San Pawl għat-traffiku li jkun ħiereġ għall-Pjazza tal-Knisja, jinħasel il-*bus shelter* tal-Pjazza tal-Knisja u titranga l-mera li hemm fi Triq Dun Spir Gauci. Huwa ser jibgħat ir-ritratti ta' dawn l-ilmenti kollha.

10.02 Is-Sur Damien Spiteri ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina ma hemmx WiFi. Ġie spjegat li l-WiFi trid tirreġistra kull darba li tibda tużah. Huwa ser jerġa jiċċekkja.

**11.00 Materji oħra.**

11.01 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.25 ta' filgħaxija u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 26 ta' April 2016, fil-5.30 ta' filgħaxija.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***